

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni 28/2022 dwar il-kriterji ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy rigward l-approvazzjoni tagħhom mill-Bord bħala s-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* skont l-Artikolu 42(5) (GDPR)

Adottata fl-10 ta' Ottubru 2022

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not been proofread yet.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(2) u l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem “ŻEE”) u b' mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 154/2018 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

- (1) L-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem “l-EDPB jew il-Bord”) u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jinkoraġġixxu, b' mod partikolari fil-livell tal-Unjoni, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem “mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni”) u ta' siġilli u marki tal-protezzjoni tad-*data*, bil-għan li juru l-konformità mal-GDPR ta' attivitajiet ta' pproċessar mill-kontrolluri u mill-proċessuri, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.² Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jista' jtejjeb it-trasparenza u jippermetti lis-suġġetti tad-*data* li jivvalutaw il-livell ta' protezzjoni tad-*data* ta' prodotti u servizzi rilevanti.³
- (2) Il-kriterji ta' ċertifikazzjoni huma parti integrali minn mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Konsegwentement, il-GDPR jeħtieġ l-approvazzjoni tal-kriterji ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni nazzjonali mill-awtorità superviżorja kompetenti (l-Artikoli 42(5) u 43(2)(b) tal-GDPR), jew fil-każ tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, mill-EDPB (l-Artikoli 42(5) u 70(1)(o) tal-GDPR).
- (3) Meta awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem “AS”) ikollha l-ħsieb li tipproponi l-approvazzjoni mill-EDPB ta' siġill Ewropew għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 42(5) tal-GDPR, l-AS jenħtieġ li tiddikjara l-intenzjoni tas-sid tal-iskema li joffri l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni fl-Istati Membri kollha. F'dan il-każ, ir-rwol prinċipali tal-EDPB huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, permezz tal-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikoli 63, 64 u 65 tal-GDPR. F'dan il-qafas, skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR, l-EDPB qiegħed japprova l-kriterji ta' ċertifikazzjoni.
- (4) Din l-Opinjoni għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, inkluż mill-AS, mill-kontrolluri u mill-proċessuri fid-dawl tal-elementi ewlenin, li l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għandhom jiżviluppaw. B' mod partikolari, il-valutazzjoni tal-EDPB titwettaq abbażi tal-“Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament” (minn hawn 'il quddiem il-“Linji Gwida”) u l-Addendum tagħhom li jipprovdi “Gwida dwar il-valutazzjoni tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni” (minn hawn 'il quddiem l-“Addendum”), li għalihom il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika skada fis-26 ta' Mejju 2021.

¹ Referenzi għall-“Istati Membri” li jsiru f'din l-Opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

² L-Artikolu 42(1) tal-GDPR.

³ Il-Premessa 100 tal-GDPR.

- (5) Għalhekk, l-EDPB jagħraf li kull mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jenħtiegħ li jiġi indirizzat individwalment u jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ieħor.
- (6) Il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jenħtiegħ li jippermettu lill-kontrolluri u lill-proċessuri juru konformità mal-GDPR. Għalhekk, il-kriterji tiegħu jenħtiegħ li jirriflettu sew ir-rekwiżiti u l-prinċipji relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fil-GDPR u jikkontribwixxu għall-applikazzjoni konsistenti tiegħu.
- (7) Fl-istess ħin, is-sid tal-iskema jenħtiegħ li jiżgura l-allinjament u l-konformità tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ma' kwalunkwe standard ISO inkluż jew użat u ma' kwalunkwe prattika ta' ċertifikazzjoni.
- (8) Bħala riżultat, iċ-ċertifikazzjonijiet jenħtiegħ li jżidu l-valur lill-kontrolluri u lill-proċessuri billi jgħinu fl-implimentazzjoni ta' miżuri organizzattivi u tekniċi standardizzati u speċifikati li jiffaċilitaw u jtejbu b'mod evidenti l-konformità tal-operazzjoni tal-ipproċessar mal-GDPR, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi għas-settur.
- (9) L-EDPB jilqa' l-isforzi magħmula mis-sidien tal-iskemi biex jellaboraw il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni, li huma għodod prattiċi u potenzjalment kosteffettivi biex jiżguraw konsistenza akbar mal-GDPR u jrawmu d-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* tas-suġġetti tad-*data* billi tiżdied it-trasparenza.
- (10) L-EDPB ifakkar li iċ-ċertifikazzjonijiet huma għodod ta' responsabbiltà volontarji, u li l-aderenza ma' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ma tnaqqas ir-responsabbiltà tal-kontrolluri jew tal-proċessuri li jikkonformaw mal-GDPR u ma tipprevenix l-awtoritajiet superviżorji milli jeżerċitaw il-kompiti u s-setgħat tagħhom skont il-GDPR u l-liġijiet nazzjonali rilevanti.
- (11) F'din l-Opinjoni, l-EDPB jindirizza kwistjonijiet, bħall-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji, l-applikabbiltà u r-rilevanza tal-kriterji fl-Istati Membri kollha.
- (12) Din l-Opinjoni tiffoka fuq il-kriterji ta' ċertifikazzjoni. Fil-każ li l-EDPB jeħtiegħ informazzjoni ta' livell għoli dwar il-metodi ta' evalwazzjoni sabiex ikun jista' jivvaluta bir-reqqa l-awditabbiltà tal-kriterji fil-kuntest tal-Opinjoni tiegħu dwarhom, din tal-aħħar ma tinkludi l-ebda tip ta' approvazzjoni ta' tali metodi ta' evalwazzjoni.
- (13) L-Opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata, skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkun u ddeċidew li l-fajl huwa komplut. Mad-deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra meta titqies il-kumplessità tas-suġġett. Jekk l-opinjoni tal-EDPB tikkonkludi li l-kriterji ma jistgħux ikunu approvati b'mod arbitrarju, l-AS tista' tissottometti mill-ġdid il-kriterji għall-approvazzjoni meta jiġi indirizzat it-tħassib espress fl-Opinjoni inizjali tal-EDPB.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

SOMMARJU TAL-FATTI

1. F'konformità mal-Artikolu 42(5) tal-GDPR u mal-Linji gwida, il-kriterji tal-Europrivacy v.60 (minn hawn 'il quddiem l-“abbozz tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni”, il-“kriterji ta' ċertifikazzjoni” jew il-“kriterji”) ġew abbozzati miċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċertifikazzjoni u għall-Privatezza (minn hawn 'il quddiem is-“sid tal-iskema”).

2. L-Awtorità Superviżorja tal-Lussemburgu (minn hawn 'il quddiem "AS LU") issottomettiet il-kriterji ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy lill-EDPB għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 64(2) tal-GDPR fit-28 ta' Settembru 2022. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittiegħdet fit-28 ta' Settembru 2022.
3. Il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy mhuwiex ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR maħsub għal trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali u għalhekk ma jipprovdi salvagwardji xierqa fi ħdan il-qafas ta' trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali skont it-termini msemmija fl-ittra (f) tal-Artikolu 46(2). Fil-fatt, kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjoni internazzjonali, għandu jsejtni biss jekk ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR.

2 VALUTAZZJONI

4. L-EDPB wettaq il-valutazzjoni tiegħu tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni għall-approvazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 42(5) tal-GDPR f'konformità mal-istruttura prevista fl-Anness 2 tal-Linji gwida (minn hawn 'il quddiem "Anness") u l-Addendum tiegħu.
5. L-EDPB jinnota li l-gwida ta' implimentazzjoni u l-mezzi ta' verifika ssuġġeriti tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni pprovduti mis-sid tal-iskema mhumiex dejjem konsistenti fil-katalogu kollu tal-kriterji. Pereżempju, it-taqsim T.2.3.2 teħtieġ li jiġu stabbiliti regoli, politiki, proċeduri jew mekkaniżmi biex jidentifikaw u jirrapportaw l-intrużjonijiet (eż. sistema għall-identifikazzjoni ta' intrużjoni li twettaq monitoraġġ fuq it-traffiku tan-network għall-attività suspettuża u twissi meta tiskopri tali attività), filwaqt li l-mezzi ta' verifika ssuġġeriti jirreferu għall-ispezzjoni u t-test ta' penetrazzjoni (meħtieġa fit-taqsim T.2.3.1). Għalkemm tali inkonsistenzi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tiegħu, l-EDPB jissottolinja li jistgħu jkunu ostaklu għall-akkreditazzjoni tal-korp ta' ċertifikazzjoni, sakemm ma jkunux rettifikati mis-sid tal-iskema.

2.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-Mira ta' Evalwazzjoni (ToE)

6. Il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy huwa skema ġenerali fis-sens li għandu fil-mira tiegħu firxa kbira ta' operazzjonijiet ta' pproċessar differenti mwettqa minn kontrolluri u proċessuri minn diversi setturi ta' attività. Il-kriterji prinċipali ta' dan il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni huma magħmulin mill-"Kriterji ewlenin" u mill-"Verifiki u l-kontrolli tat-TOMs" li jikkonċernaw il-miżuri teknoloġiċi u organizzattivi stabbiliti biex jiżguraw id-*data* personali pproċessata. Il-ġabra tal-kriterji tal-"Verifiki u l-kontrolli tat-TOMs" hija applikabbli biss jekk il-Mira ta' Evalwazzjoni (minn hawn 'il quddiem "ToE") tipproċessa kategoriji speċjali ta' *data*, *data* relatata ma' reati kriminali jew *data* personali ta' tifel jew tifla.
7. Barra minn hekk, il-kriterji jinkludu wkoll "Verifiki u kontrolli kuntestwali komplementari" li għandhom l-għan li jiżguraw li l-ipproċessar tad-*data* involut fit-ToE jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi għad-dominju u speċifiċi għat-teknoloġija. Il-matriċi informattiva pprovduta mis-sid tal-iskema tiddekrivi għal liema kategoriji ta' operazzjonijiet ta' pproċessar ta' *data*, tapplika kull ġabra tal-kriterji tal-"Verifiki u l-kontrolli kuntestwali komplementari".
8. L-EDPB jilqa' l-iskemi ġenerali li jinkludu kriterji speċifiċi li jaqgħmluhom skalabbli u applikabbli għal operazzjonijiet ta' pproċessar jew għal settur ta' attività speċifiċi. Minkejja dan, l-EDPB jixtieq ukoll jiċċara li fil-kuntest ta' skema ġenerali, il-kompletezza tal-kriterji relatati ma' operazzjonijiet ta'

pproċessar speċifiċi mhijiex meħtieġa u għalhekk ma ġietx ivalutata fil-kuntest ta' din l-Opinjoni. Barra minn hekk, l-EDPB ifakkar li meta jippubblika dokumenti relatati ma' attivitajiet ta' pproċessar speċifiċi, tali dokumenti għandhom jitqiesu mis-sid tal-iskema u mill-korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati.

9. Il-kriterji applikabbli għall-ispeċifikazzjoni tat-ToE huma definiti fir-rekwiżiti disponibbli fil-kriterji A.2.1.1. Ir-regoli speċifiċi applikabbli għall-proċess li għandu jġi segwit mill-applikant u mill-korp ta' ċertifikazzjoni sabiex jġu definiti t-ToE huma speċifikati mill-iskema tal-Europrivacy (10.2 - Attivitajiet ta' Qabel iċ-Ċertifikazzjoni).
10. Il-Bord jinnota fid-dokumentazzjoni relatata mal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni pprovduta mill-AS LU li l-iskema tal-Europrivacy tapplika għall-kontrolluri u għall-proċessuri stabbiliti fl-Unjoni Ewropea (UE) jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). L-applikabbiltà tal-kriterji hija ddefinita skont ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-applikant
11. Il-Bord jinnota li kontrollur tad-*data* jista' jissottometti lill-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy, ToE li hija soġġetta għal kontroll konġunt (kriterji A.2.7.1). Fil-każ li t-ToE hija soġġetta għal kontroll konġunt, il-Bord jixtieq jissottolinja li l-korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat se jkollu jwettaq il-proċess ta' applikazzjoni b'attenzjoni kbira biex jiżgura li t-ToE hija sinifikanti u li l-applikant huwa responsabbli kompletament għall-konformità tat-ToE mal-obbligi kollha skont il-GDPR li l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għandu l-għan li juri. Bħala konsegwenza, l-arranġament konkluż bejn l-applikant u l-kontrolluri konġunti l-oħra involuti fit-ToE fir-rigward tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi skont il-GDPR⁴ jista' – skont il-kuntest tal-attivitajiet ta' pproċessar tat-ToE - jipprevjeni lill-applikant milli jissodisfa l-kriterji ta' ċertifikazzjoni.
12. Il-Bord jinnota li l-iproċessar tad-*data* ta' *data* ġenetika huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy. Bħala konsegwenza, il-valutazzjoni tal-kriterji mwettqa mill-Bord ma tkoprix l-adattabbiltà tal-kriterji għat-ToE li jinkludi tali pproċessar tad-*data*.

2.2 Operazzjonijiet ta' pproċessar

13. Il-kriterji jindirizzaw il-komponenti rilevanti tal-operazzjonijiet ta' pproċessar (*id-data*, is-sistemi, u l-iproċessar) fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. B' mod partikolari, il-kriterji jippermettu l-identifikazzjoni ta' kategoriji speċjali ta' *data* kif definiti fl-Artikolu 9 tal-GDPR (it-taqsimha G.2 tal-kriterji - l-iproċessar ta' *Data* Speċjali).

2.3 Legalità tal-iproċessar

14. Il-kriterji jeħtieġu verifika tal-legalità tal-iproċessar tad-*data* għal kull operazzjoni ta' pproċessar individwali fit-ToE u jeħtieġu verifika tar-rekwiżiti ta' bażi legali kif definiti fl-Artikolu 6 tal-GDPR (it-taqsimha G.1 tal-kriterji - Legalità tal-iproċessar tad-*Data*).

⁴ *Id-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għandha b' mod partikolari tikkunsidra l-eżerċizzju tad-drittijiet u tad-dmirijiet tas-suġġetti tad-*data* sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet jenħtieġ li tkopri obbligi oħra tal-kontrollur bħal fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data*, tal-baży legali, tal-miżuri ta' sigurtà, tal-obbligu ta' notifika dwar il-ksur tad-*data*, tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, tal-użu tal-proċessuri, tat-trasferimenti lejn pajjiżi terzi u tal-kuntatti mas-suġġetti tad-*data* u mal-awtoritajiet superviżorji (Linji gwi da 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR)*

2.4 Prinċipji tal-ipproċessar tad-*data*

15. Il-kriterji jindirizzaw b'mod xieraq il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 5 tal-GDPR. B'mod partikolari, il-kriterji jeħtieġu li l-applikant juri li d-*data* personali hi xierqa, rilevanti u limitata għal dak li hu neċessarju fir-rigward tal-iskopijiet li għalihom qed tiġi pproċessata (minimizzazzjoni tad-*data*).

2.5 Obbligi ġenerali tal-kontrolluri u tal-proċessuri

16. Il-kriterji jirriflettu l-obbligi tal-kontrollur skont l-Artikolu 24 tal-GDPR (G.4 - Responsabbiltà tal-Kontrollur tad-*Data*) u jeħtieġu l-evalwazzjoni tal-ftehimiet kuntrattwali bejn il-proċessur u l-kontrollur f'konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR (it-taqsimha G.5 tal-kriterji - Proċessuri tad-*Data* jew Sottoproċessuri).
17. Il-kriterji jeħtieġu li l-applikanti kollha jaħtru Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) saħansitra fil-każ fejn l-applikant mhux meħtieġ jiddeżinja UPD f'konformità mal-Artikolu 37 tal-GDPR. Il-kriterji jivverifikaw li l-UPD jissodisfa r-rekwiżiti skont l-Artikoli 37 sa 39 (it-taqsimha G.9 tal-kriterji - Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*).
18. Il-kriterji jivverifikaw il-kontenut tar-rekords tal-ipproċessar tal-attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 30 tal-GDPR (it-taqsimha G.5.3 tal-kriterji - Rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar).

2.6 Drittijiet tas-suġġetti tad-*data*

19. Il-kriterji jindirizzaw b'mod xieraq id-dritt tas-suġġett tad-*data* għall-informazzjoni f'konformità mal-Kapitolu III tal-GDPR u jeħtieġu l-istabbiliment ta' miżuri rispettivi. Il-kriterji jeħtieġu wkoll l-istabbiliment ta' miżuri li jipprevedu l-possibbiltà ta' intervent fl-operazzjoni ta' pproċessar sabiex jiggarantixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u jippermettu korrezzjonijiet, tħassir jew restrizzjonijiet (it-taqsimha G.3 tal-kriterji - Drittijiet tas-Suġġetti tad-*Data*).

2.7 Riskji għad-drittijiet u għal-libertà

20. Il-kriterji jeħtieġu l-valutazzjoni tar-riskju għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi tal-ipproċessar tad-*data* involut fit-ToE f'konformità mal-Artikolu 35 tal-GDPR (it-taqsimha G.8 tal-kriterji - Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data*).

2.8 Miżuri tekniċi u organizzattivi li jiggarantixxu l-protezzjoni

21. Il-kriterji jeħtieġu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jipprevedu l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà fl-operazzjonijiet ta' pproċessar. Il-kriterji jeħtieġu wkoll l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi biex tiġi implimentata l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku f'konformità mal-Artikolu 25 u mal-Artikolu 32 tal-GDPR (it-taqsimha G.6 tal-kriterji - Sigurtà tal-Iproċessar u tal-Protezzjoni tad-*Data* mid-Disinn, Taqsimha T.1/T.2 tal-kriterji – Rekwiżiti tas-Sigurtà Ewlenin/Rekwiżiti tas-Sigurtà Estiżi).
22. Il-kriterji jeħtieġu l-applikazzjoni ta' miżuri biex jiġi żgurat li d-dmirijiet ta' notifika dwar il-ksur tad-*data* personali jitwettqu fi żmien u f'ambitu xieraq f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tal-GDPR (it-taqsimha G.7 tal-kriterji - Ġestjoni tal-Ksur tad-*Data*).

2.9 Kriterji sabiex tintwera l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa għat-trasferiment ta' *data* personali

23. Il-kriterji jeħtieġu l-identifikazzjoni tat-trasferimenti ta' *data* personali kollha lejn pajjiżi terzi u lejn organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fit-ToE u s-sostanzjar tal-għażla magħmula rigward il-mekkaniżmu ta' trasferiment ta' *data* li jipprevedi salvagwardji xierqa, skont il-Kapitolu V tal-GDPR (it-taqsima G.10 tal-kriterji - Trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali).

3. KRITERJI ADDIZZJONALI GĦAL SIĠILL EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

24. Skont il-Linji gwida, il-valutazzjoni għandha tinkludi l-kwistjoni dwar "jekk il-kriterji humiex kapaċi jieħdu inkonsiderazzjoni l-liġijiet jew ix-xenarji tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istat Membru". It-taqsima G.1.1.3 tal-kriterji teħtieġ li l-applikant jipprovdi tali valutazzjoni f' Rapport ta' Valutazzjoni ta' Konformità mal-Obbligi Nazzjonali (NOCAR). Il-Bord jinnota li tali rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-obbligi nazzjonali applikabbli għat-ToE u se jiddokumenta l-miżuri li ttieħdu mill-applikant biex jikkonforma mar-regoli applikabbli u, possibbilment, mal-azzjonijiet korrettivi li għaddejjin. L-applikant ma għandux juża l-lista ta' rekwiżiti nazzjonali komplementari ewlenin ipprovduta mis-sid tal-iskema għal kull pajjiż bħala lista eżawrjenti ta' obbligi nazzjonali rilevanti għat-ToE. Il-lista indikattiva ta' verifiki u rekwiżiti ta' kontrolli komplementari minimi pprovduti mis-sid tal-iskema mhumiex kriterji ta' ċertifikazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Opinjoni.

KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

25. Bħala konklużjoni, l-EDPB iqis li l-kriterji ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy huma konsistenti mal-GDPR u japprovahom skont il-kompitu tal-Bord definit fl-Artikolu 70(1)(o) tal-GDPR, li jirriżulta f' ċertifikazzjoni komuni (is-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*).
26. L-EDPB se jirreġistra l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-Europrivacy fir-reġistru pubbliku tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u tas-siġilli u tal-marki għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 42(8).

RIMARKI FINALI

27. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-AS LU u se tkun disponibbli għall-pubbliku skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President